# L-istatwa ta' San Ġużepp li tinsab fil-kripta tal-Knisja Parrokkjali tiġi restawrata

**Tagħrif miġbur minn Sr. Antonella Gambin**
**ritratti: Joe Cilia u Renzo Gauci**

Matul din is-sena sar ir-restawr fuq l-istatwa ta' San Ġużepp li kienet fi stat ħażin ħafna. Ix-xogħol tar-restawr sar mis-Sur Renzo Gauci minn Ħal Tarxien. Id-dijadema tal-Bambin u San Ġużepp saru mid-ditta Cutajar tal-Ħamrun. B'kollox l-ispiża li ntefqet għal din l-istatwa laħqet is-somma ta' Lm600. Din tħallset mill-benefatturi s-Sinjuri Joe u Josephine Cilia.

Din l-istatwa ta' San Ġużepp hija antika ħafna u persważ li ma nafux il-bidu tagħha jew kif ġiet f'Sta. Venera mill-istitut ta' Fra Diegu.

Żewġ xebbiet li huma residenti fl-istitut u li għandhom 'il fuq minn 80 sena jgħidu li meta marru l-istitut kellhom 5 jew 6 snin u jiftakru lis-soru teħodhom jitolbu quddiemha għax dawn kellhom devozzjoni kbira lejn San Ġużepp. Jiftakru wkoll li din l-istatwa fis-



*L-istatwa ta' San Ġużepp qabel ma ġiet restawrata.*

sala li huma kienu jgħidulha *Tax-Xogħol* fejn dawn kienu jaħdmu r-rakkmu, il-bizzilla taċ-ċombini, standardi, abiti sagri eċċ..., dejjem, kif jgħidu huma stess taħt il-protezzjoni ta' San Ġużepp. Jingħad ukoll li l-istatwa kellha magħha tifla li kienet tirrappreżenta lit-tfal kollha.

Maż-żmien kollox jinbidel, l-istitut kellu direttur ġdid u dan ried jirranġa l-istitut għaż-żminijiet tal-lum u fis-sena 1970 l-istatwa ta' San Ġużepp ried jagħtiha lill-Patrijiet Karmelitani



*L-istatwa meta kienet il-ħanut tax-xogħol ta' l-istatwarju s-Sur Renzo Gauci.*



wara li tant kien tħabat għaliha l-Kappillan ta' dak iż-żmien ir-Rev. Patri Franġisk Grech O. Carm. Kien minħabba li l-Kripta tal-Knisja infetħet nhar id-19 ta' Marzu 1969, fil-festa ta' San Ġużepp li ħarġet l-idea li l-Komunità titlob din l-istatwa.

*Ritratt meħud waqt il-fażi ta' restawr.*